MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-11 ta' Settembru, 2003

Numru. 303/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
**- vs -**
**GIUSEPPE XUEREB**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Giuseppe Xuereb bin Carmelo u Rosa nee Grech residenti 130, Triq L-Imgarr, Ghajnsielem, Ghawdex (Karta ta' l-Identita` Nru 20633 G) gie imressaq quddiemha akkuzat talli fit-12 ta' Gunju u fil-granet precedenti mmalafama bi kliemu mall-pubbliku u ma' l-awtoritajiet tal-pulizija lill-kwerelanti Joseph u Paul Axiaq mix-Xewkija u lil Alfred Axiaq minn Nadur, fejn hu ddikjara u nsista li l-kwerelanti jew min minnhom dahlu f'daru u serquh.

Semghet il-provi tal-prosekuzzjoni u cioe` lill-Ispettur Maurice Curmi, Karistu Refalo, Joe Agius, Alfred Axiaq, Joseph Axiaq, Paul Axiaq u lill-imputat jixhed minn jeddu b'mod volontarju;

Rat l-artikolu tal-ligi u cioe` 252 (1) tal-Kap 9;

Ikkunsidrat illi mill-provi prodotti l-akkuza tinsab pruvata;

Ghaldaqstant issib lill-imputat hati u tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------